inklużjoni

# KWALITÀ TAL-ĦAJJA – SKEMA TA' GĦOTJIET ŻGĦAR 2026

## Linji gwida għall-għaqdiet volontarji

### 1. Għan

Il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat (MIV) għal darb'oħra qed jiftaħ skema ta' għotjiet żgħar, maħsuba biex tħeġġeġ lill-għaqdiet volontarji iwettqu proġetti u inizjattivi prattiċi bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet tagħna.

### 2. Eliġibilità tal-applikanti

Għaqdiet Volontarji reġistrati u konformi mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji (OCVO) sa meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

### 3. Proġetti u inizjattivi possibbli

It-titjib tal-kwalità tal-ħajja permezz ta' inizjattivi maħsuba biex:

a) Jagħmlu l-ambjent ta' madwarna aktar aċċessibbli
b) Organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjali inklussivi fil-komunità tagħna
ċ) Tnaqqis t'inugwaljanzi soċjali
d) Inklużjoni ulterjuri f'attivitajiet ta' divertiment, kulturali jew sportivi
e) L-inkoraġġiment ta' aktar involviment u inklużjoni ta' benefiċjarji f'xogħol volontarju, partikolarment persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabilità
f) Provista ta' servizzi u appoġġ lil persuni li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabilità
ġ) L-inklużjoni u l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fil-komunità
g) Il-promozzjoni tal-użu tat-teknoloġija bħala mezz lejn l-inklużjoni
għ) Appoġġ b'mod attiv l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-involviment u t-tisħiħ tal-komunitajiet
h) Promozzjoni, sensibilizzazzjoni u *networking* b'konformità mal-politiki dwar id-diżabilità/volontarjat
ħ) Riċerka konformi mal-politiki lokali dwar id-diżabilità/volontarjat.

### 4. Proġett/inizjattivi ineliġibbli

a) Jekk organizzazzjoni tipproponi proġett li sar fis-snin ta' qabel, jew inkella repetizzjoni ta' proġett li diġà kien finanzjat minn fondi oħra (Nazzjonali / UE), jiġi awtomatikament ikkunsidrat ineliġibbli.

### 5. Fondi disponibbli

a) L-ammont totali allokat taħt l-Iskema għas-sena 2026 huwa ta' sittin elf ewro (€60,000).

b) Kull proġett jista' jingħata sa massimu ta' ħamest elef ewro (€5,000) VAT inkluż.

ċ) L-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati matul is-sena 2026 sakemm il-fondi jiġu eżawriti.

d) Kull għaqda tista' **tibbenefika biss minn proposta waħda (1) matul is-sena kalendarja**.

e) Flimkien mal-proposta tal-proġett għandhom jiġu preżentati tal-inqas tlett (3) kwotazzjonijiet mingħand fornituri ta' oġġetti jew servizzi għal kull spiża prevista li teċċedi s-somma ta' mitt ewro (€100).

## 6. Award criteria

a) L-award criteria huma indikaturi li jippermettu lill-Bord tal-Evalwazzjoni sabiex jevalwa l-kwalità tal-proġetti u/jew inizjattivi sottomessi għall-fondi. Abbażi ta' dawn il-kriterji, il-fondi jiġu allokati lil dawk il-proġetti li huma allinjati u li jimmassimizzaw l-għanijiet ġenerali tal-iskema.

b) L-award criteria kif indikati fl-Anness 1 ta' dawn il-Linji Gwida jiddeskrivu eżattament il-punti li ser jiġu kkunsidrati fl-assessjar tal-kwalità tal-proġett.

## 7. Għażla u Pagament tal-Grant

a) L-Applikazzjonijiet sottomessi għandhom jiġu evalwati minn Bord t'Evalwazzjoni kompost minn tliet (3) uffiċjali tal-MIV li huma mgħarrfa sew fis-suġġett kif appuntati mis-Segretarju Permanenti.

b) Il-Bord tal-Evalwazzjoni għandu d-dritt li jitlob aktar dokumentazzjoni lill-Applikant wara s-sottomissjoni tal-proposta. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx provduta fiż-żmien stipulat mill-Bord, l-applikazzjoni tista' tkun awtomatikament rifjutata mill-istess Bord.

ċ) Il-marki miksuba fl-evalwazzjoni jissarfu f'fondi skont il-perċentwal miksub. Il-perċentwal jiġi applikat fuq l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett, kif indikat f'Anness 2, sa massimu ta' €5,000 VAT inkluż. Għal proġetti li jeċċedu l-€5,000, il-finanzjament jiġi kkalkulat biss fuq il-limitu massimu ta' €5,000.

d) Jekk il-Bord ta' Evalwazzjoni jaċċetta l-proposta, l-Applikant/Benefiċjarju jintalab jidħol fi Ftehim ta' Għotja mal-Ministeru għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat (MIV) li jiddeskrivi l-obbligi tal-għotja.

e) Il-pagament sħiħ tal-għotja (100%) approvat mill-Bord tal-Evalwazzjoni jiġi pproċessat mat-tlestija tal-proġett, u mal-preżentazzjoni ta':
   i. Rapport finali tal-proġett skont it-template provduta;
   ii. Preżentazzjoni ta' rċevuti oriġinali fiskali li jkopru l-ammont globali approvat;
   iii. Suġġett li l-proġett jitlesta sat-tletin (30) ta' Novembru 2026;
   iv. U suġġett li l-Bord tal-Evalwazzjoni jkun sodisfatt li l-proġett twettaq fl-intier tiegħu skont l-applikazzjoni oriġinali kif approvata, u suġġett għal spezzjoni fuq is-sit mill-istess Bord jekk meħtieġ.

f) Jekk il-kriterji ta' hawn fuq ma jiġux rispettati, l-MIV ma jkunx obbligat li jaffettwa l-ħlas.

ġ) Fil-każ li l-Għaqda tiddeċiedi li ma tibqax tipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-proposta, għandha tinforma lill-MIV immedjatament.

## 8. Formola tal-Applikazzjoni, Sottomissjoni u Mistoqsijiet

a) Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb kemm fil-verżjoni bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u tista' tiġi aċċessata permezz ta' https://vofunding.org.mt.

b) Applikazzjonijiet għall-proposti ta' proġetti finanzjati **mill-Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026** għandhom ikunu sottomessi **onlajn** biss permezz tal-link provduta hawn fuq.

ċ) Applikazzjonijiet elettroniċi għandhom jinkludu stima ta' baġit dettaljata (skont kif inkluża fl-applikazzjoni) bil-prezzijiet provduti bl-Ewro (€) flimkien ma' kwotazzjonijiet relevanti.

d) Kull applikazzjoni elettronika li teċċedi l-limitu massimu ma tkunx eskluża awtomatikament iżda jkun ridott l-ammont allokat skont il-limiti stipulati mil-Linji Gwida.

e) Applikazzjonijiet li ma jsegwux dawn il-Linji Gwida, jew li ma jkollhomx l-informazzjoni mitluba skont il-formola tal-applikazzjoni, għandhom jiġu rifjutati.

f) Kull mistoqsija dwar din l-iskema għandha tintbagħat permezz ta' email fuq skemi.miv@gov.mt.

## 9. Branding / Pubbliċità

a) Apparti l-miżuri maħsuba sabiex jagħtu viżibilità u jiddesseminaw ir-riżultati tal-proġett (li huma award criteria), hemm obbligu minimu li l-proġett finanzjat jingħata pubbliċità meħtieġa. Il-Benefiċċjarji għandhom jirrikonoxxu lill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat u l-**Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026** f'kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni, fi kwalunkwe forma jew mezz, inkluż l-internet, jew f'okkażjonijiet/attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja finanzjarja.

b) Dan għandu jsegwi l-istruzzjonijiet sussegwenti:
   i. L-użu tal-logo tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat u l-**Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026**;
   ii. L-użu ta' disclaimer li jgħid: "Dan il-proġett kien finanzjat permezz tal-**Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026** immexxija mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat".

ċ) Kull tip ta' branding għandu jibqa' fuq kull materjal użat wara t-tlestija tal-proġett, u dan jinkludi kemm xogħol virtwali (e.ż. websites / mezzi soċjali) u affarijiet fiżiċi (eż. booklets / bini / tagħmir).

d) Id-data tal-inawgurazzjoni tal-proġett għandha tkun diskussa xahrejn qabel mal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

g) Jekk dawn il-proviżjonijiet ma jiġux segwiti, l-għotja finanzjarja tista' tiġi ridotta.

**10. Protezzjoni tad-Data**

a) Kull data personali inkluża fil-formola elettronika tal-applikazzjoni u fil-grant agreement għandha tiġi proċessata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (Regolament (UE) 2016/679) u l-Att tal-Protezzjoni tad-Data (Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta).

b) Din id-data tiġi proċessata biss għal fini ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-**Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026**, bil-possibbiltà li tista' tkun trasferita, mingħajr preġudizzju, lill-korpi responsabbli għall-ispezzjoni u verifika hekk kif appuntat mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, u/jew il-Ministeru għall-Finanzi, skont minn fejn il-fondi għall-**Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026** ikunu disponibbli.

---

## Anness 1 - Kriterji ta' Għotja għall-applikazzjonijiet riċevuti għall-Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026

| Kriterji li jindirizzaw l-Istrateġija tal-Volontarjat | Marka |
|---|---|
| Jirrelata direttament mal-Istrateġija tal-Volontarjat | 30% |
| Rilevanza lejn l-għanijiet ta' l-iskema | 5% |
| Tmexxija taż-żgħażagħ/adulti/anzjani fi ħdan is-settur tal-volontarjat [1] | 25% |
| Preżentazzjoni ta' tqassim tal-baġit propost (*itemised)* u kwotazzjonijiet | 10% |
| Pubbliċità/ kummerċjalizzazzjoni tal-proġett propost | 10% |
| Esperjenza preċedenti ta' finanzjament fi skemi lokali oħrajn | 5% |
| Sostenibbiltà tal-proġett | 15% |

| Kriterji li jindirizzaw l-Istrateġija tad-Diżabilità/ tal-Awtiżmu | Mark |
|---|---|
| Jirrelata direttament mal-Istrateġija tad-Diżabilità/tal-Awtiżmu | 25% |
| Rilevanza lejn l-għanijiet ta' l-iskema | 5% |
| Sforzi biex tiġi żgurata aċċessibbiltà għal kulħadd [2] | 15% |
| Tmexxija ta' persuni b'diżabilità fi ħdan il-proġett/inizjattiva [3] | 20% |
| Preżentazzjoni ta' tqassim tal-baġit propost (*itemised)* u kwotazzjonijiet | 10% |
| Pubbliċità/ kummerċjalizzazzjoni tal-proġett propost | 10% |
| Esperjenza preċedenti ta' finanzjament fi skemi lokali oħrajn | 5% |
| Sostenibbiltà tal-proġett | 10% |

[1] L-evalwazzjoni tikkunsidra l-element ta' intersezzjonalità fil-proposta tal-proġett

[2] Accessible Event Planning (Autistic Self-Advocacy Network – US – led by disabled people): https://autisticadvocacy.org/wp-content/uploads/2019/05/Accessible-Event-Planning.pdf
Accessible Environments (National Autistic Society – UK) : https://www.autism.org.uk/what-we-do/autism-know-how/autism-accreditation/autism-friendly-award/guides-and-resources/accessible-environments
Design for the Mind – Neurodiversity and the Built Environment (British Standards Institution): https://www.housinglin.org.uk/_assets/Resources/Housing/OtherOrganisation/Design-for-the-mind-Neurodiversity-and-the-built-environment-Guide.pdf
Accessible Online Events/ Meetings/ Webinars (Autistica – International Research Consortium based in UK – led by disabled people): https://www.autistica.org.uk/what-is-autism/coronavirus/accessible-online-events
Access for All Design Guidelines (Physical Accessibility in the Built Environment – CRPD, Malta): https://www.crpd.org.mt/wp-content/uploads/2020/11/Access-for-all-2011.pdf

[3] L-evalwazzjoni tikkunsidra l-element ta' intersezzjonalità fil-proposta tal-proġett

**Anness 2 – Spejjeż eliġibbli għall-Iskema ta' Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2026**

Sabiex ikunu eliġibbli taħt din l-iskema, l-ispejjeż iridu:

a. Ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Proġett;
b. Jappoġġjaw id-deliverables tal-Proġett;
c. Ikunu konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, f'termini ta' value for money u kost-effettività;
d. Ikunu ntefqu matul it-terminu tal-Proġett kif definit fil-ftehim;
e. Ikunu verament u effettivament sostnuti mill-benefiċjarju;
f. Ikunu rreġistrati fil-kontijiet tal-benefiċjarju skont il-prinċipji tal-kontabilità applikabbli;
g. Ikunu ddikjarati skont ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tat-taxxa u tas-Sigurtà Soċjali applikabbli;
h. Ikunu identifikabbli u verifikabbli, u appoġġjati b'dokumenti oriġinali ta' sostenn; u
i. Ikunu innovattivi u mhux xirja ripetuta ta' Proġetti li kienu approvati fi snin passati għall-istess għadqa.

| | |
|---|---|
| **Spejjeż tal-attività** | Spejjeż direttament marbuta mal-implimentazzjoni tal-Proġett, sakemm ikunu konsistenti mal-baġit ippreżentat f'din l-e-application. Il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport interim/finali u sostnuti bi kwotazzjonijiet, invoices oriġinali, cash sales u rċevuti tal-VAT. |
| **Marketing, disseminazzjoni u użu massimu tar-riżultati** | Attivitajiet ta' promozzjoni, disseminazzjoni u l-użu massimu tar-riżultati tal-proġett, li għandhom ikunu deskritti b'mod ċar fil-formola tal-e-application. Il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport interim/finali u sostnuti bi kwotazzjonijiet, invoices oriġinali, cash sales u rċevuti tal-VAT. |
| **Spejjeż ta' ospitalità** | Spejjeż ta' ospitalità relatati ma' ikel u xorb huma limitati għal massimu ta' €500 inkluż il-VAT, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konsistenti mal-baġit ippreżentat f'din l-e-application. Il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport interim/finali u sostnuti bi kwotazzjonijiet, invoicesoriġinali, cash sales u rċevuti tal-VAT. |